**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Lulju 2021**

**<u>Rikors nru: 127/2008 AGV</u>**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 10 ta' Settembru 2008, fejn espona bir-rispett u ikkonferma:-

1. Illi l-esponenti zzewwgu fil- 15 ta' Settembru 1990.

2. Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla D, li ghandha 18-il sena.

3. Illi z-zwieg tal-partijiet illum tkisser irrimedjabilment u dan unikament minhabba tort u htijiet attribwibbli lill-intimata, stante ingurji, sevizzi, mohqrija, theddid, vjolenza, adulterju flagranti fil-konfront ta' zewgha l-esponenti.

4. Illi minkejja t-tentattivi min-naha tal-esponenti sabiex issehh separazzjoni konsenswali, anka imma mhux biss fil-mori tal-medjazzjoni, ma kien hemm l-ebda frott stante li l-intimata hija finanzjarjament komda mentri fil-frattemp qed tappropja a favur taghha assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, dan minghajr il-kunsens ta' zewgha l-esponent.

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti joghgboha:-

1. Tiddikjara s-seperazzjoni personali *ad mensa et thoro* fil-konfront tal-partijiet, dan minhabba ragunijiet attribwibbli esklussivament lill-intimata.

2. Tillikwida l-assi u d-djun li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, vigenti bejn il-partijiet occorendo permezz ta' periti nominandi, taqsam l-assi u d-djun hekk likwidati f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenja lill-intimata porzjon u porzjon iehor lill-esponent, occorrendo permezz ta' hatra ta' Nutar Pubbliku, sabiex jippubblika l-att tal-qsim opportun, u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja.

3. Tiddikjara xoltra l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

4. Tiddeciedi u tiddikjara liema propjeta' hija parafernali tal-parijiet u b' konsegwenza eskluza mill-komunjoni tal-akkwisti.

5. Tordna lill-intimata sabiex fi zmien qasir u perentorju minnha prefiss tikkonsenja lill-esponent dawk il-beni li jigu ddikjarati parafernali kif ukoll dawk il-beni li jigu lilu assenjati b'konsegwenza tal-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u fin-nuqqas tordna lill-istess intimata sabiex thallas lill-esponenti l-valur tal-istess beni, hekk kif likwidat minn dina l-Qorti, stess, occorrendo, permezz tal-opera tal-periti nominandi.

6. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimata iddekadiet minn dawk id-drittijiet hekk kif kontemplati fl-artikolu 48 et seq. tal-Kodici Civili.

7. Sussidjarjament, ghat-talba precedenti, tiddeciedi u tiddikjara illi l-kontendenti iddekadew minn kwalsiasi jedd jew obbligu ereditarju jew patrimonjali versu xulxin.

8. Tawtorizza lill-esponenti tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku, l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Qorti.

U dan prevja kull provvediment jew dikjarazzjoni li lilha jidhirlha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ingunta in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta** guramentata ta' cb datata 30 ta' Settembru, 2009 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat dan li gej:-

1. Illi in rigward ghall-ewwel talba tal-attur, l-esponenti taqbel illi ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni personali tal-partijiet, izda mhux ghar-ragunijiet dettaljati mill-attur, liema ragunijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, imma minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-attur u dettaljati mill-esponenti l-kawza fl-ismijiet inversi, Rik. gur numru 296/2008 NC illi qed tinstema' flimkien mal-kawza prezenti.

2. Illi l-esponenti taqbel mat-tieni talba tal-attur pero' kollox u dejjem in vista tal-kontenut tar-rikors guramentata taghha fuq imsemmi, u mhux ghar-ragunijiet illi jsemmi l-attur.

3. Illi l-esponenti taqbel mat-tielet talba tal-attur pero' kollox u dejjem in vista tal-kontenut tal-kawza taghha fuq imsemmija u mhux ghal ragunijiet illi jsemmi l-attur.

4. Illi l-esponenti taqbel mar-raba' talba pero' kollox u dejjem in vista tal-kontenut tal-kawza taghha fuq imsemmija u mhux ghal ragunijiet illi jsemmi l-attur.

5. Illi dwar il-hames talba tal-attur, l-esponenti taqbel maghha purche' dak mitlub jigu applikat kemm ghall-attur kif ukoll ghall-esponenti b' mod ugwali.

6. Illi s-sitt talba tal-attrici hija wahda assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tincahad ghal kollox ghaliex iz-zwieg tkisser minhabba ragunijiet esklussivament attribwibbli lill-attur u mhux lill-esponenti, u ghalhekk kif mitlub fir-rikors guramentat fl-ismijiet inversi, il-provvediment kontemplati fl-artikoli 48 et seq. tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu kominati kontra l-attur mhux kontra l-esponenti.

**7.** Illi l-esponenti taqbel mas-seba' talba tal-attur pero' kollox u dejjem in vista tal-kontenut tar-rikors guramentat taghha u fuq imsemmi.

**8.** Illi l-esponenti taqbel mat-tmien talba tal-attur, pero' kollox u dejjem in vista tal-kontenut tal-kawza taghha minnha prezentata fuq imsemmija, u mhux ghal ragunijiet li qed isemmi l-attur, u barra minn hekk, l-awtorizazzjoni sabiex l-eventwali sentenza tal-Qorti tigi registrata fir-Registru Pubbliku, ghandha tinghata liz-zewg partijiet u mhux lill-attur biss.

**9.** Illi mhix vera li z-zwieg tkisser minhabba ragunijiet imputabbli lil esponenti, u l-allegazzjonijiet dwar ingurji, mohqrija, theddid, vjolenza u adulterju flagranti kif imsemmija fir-raba' paragrafu huma kollha kemm huma michuda ghaliex assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt, ghaliex kif spjegat fir-rikors guramentat fl-ismijiet inversi, it-tort ghat-tkissir taz-zwieg huwa unikament tal-attur.

**10.** Illi mhux vera illi l-attur ghamel tentattivi sabiex issehh separazzjoni konsenswali ghaliex it-tentattivi saru mill-esponenti biss u l-attur ma riedx jasal ghal posizzjoni ragjonevoli biex il-partijiet jaslu ghal qbil ahhari. Illi lanqas ma huwa veru illi l-esponenti hija finanzjarajament komda, u fil-fatt huwa l-attur, huwa komdu ghaliex ghandu f' idejh hanut illi jiswa' u jirrendi hafna aktar minn dak illi ghandha f' idejha l-esponenti. Illi barra minn hekk lanqas ma huwa vera illi l-esponenti qed tappropja favur taghha assi, formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, anzi fil-fatt huwa l-attur, illi jaghmel dana u bil-provi, kif ukoll jaqbad jittrasferixxi lil terzi u jiddisponi mill- assi appartenti lill-komunjoni tal-akkwisti u dana kif deher car fil-mori tal-mandat ta' Inibizzjoni fl- cb vs ab, numru 196/2009

NC definittivament dekretat favur l-esponenti fis- 17 ta' Settembru 2009, wara li diga' kien gie milqugh provvizorjament aktar kmieni.

**11.** Illi l-esponenti izzomm ferm id-dritt li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Illi l-esponenti taf personalment b'dawn il-fatti.

Bl-ispejjez kontra l-attur inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-mandat ta' Inbizzjoni mitluba u akkolti kontrieh liema attur huwa ingunt min issa ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-Rapport tal-Perit Legali Dr. Keith Borg.

Rat ix-xhieda kif mehuda u kkunsidrata mill-Perit Legali Dr.Keith Borg fir-Rapport tieghu.

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

L-attur jaddebita lil martu l-adulterju, l-ingurja gravi, is-sevizzi, it-theddid u l-vjolenza, filwaqt li l-konvenuta taddebita lill-attur, l-adulterju, l-eccessi u s-sevizzi kif ukoll l-ingurja gravi.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz.***"

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[1]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[2]

---

[1] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[2] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

**ADULTERJU**

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

***"… l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". ("Rosina Micallef vs Angelo Micallef" Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".***

L-attur jakkuza lill-konvenuta li rrendiet ruhha hatja ta' adulterju. Fix-xhieda tieghu jsemmi diversi episodji fejn in-nies kienu jmorru jinfurmawh li l-konvenuta kienet qed tkun infidila lejh. Issemmi lil certu EF u kellu s-suspett f'certu G mlaqqam ic-Caqwes li kien jahdem maghha u dan wara li kien gibidlu ghajnejh HI. Jinsisti li kien sab lill-konvenuta fis-sodda taghhom fid-dar matrimonjali ma' ragel iehor li kien lavrant taghhom certu J.

Iktar m'ghadda z-zmien baqa' jhewden dwar l-infedelta' tal-konvenuta u maz-zmien mart l-istess EF fuq imsemmi kienet infurmata li kien hemm xi kunfidenzi zejda ghaddejjin bejn ir-ragel taghha u l-konvenuta ghax kienet qed

issib in-numri tal-konvenuta fuq il-mobile ta' zewgha. Ighid li beda jkollu s-suspetti tieghu u beda jitmermer ftit ftit.

L-attur ghamel zmien jattribwixxi dina l-infedelta' li jallega li kien hemm minhabba l-problemi li kien qed ikollu fir-relazzjonijiet intimi u dan minhabba li kien dijabetiku u kien jahseb li kien hafer lill-konvenuta minhabba f'hekk.

Ghandu jigi rilevat li l-attur isemmi dawn l-irgiel u anke mart EF, li jisimha K, izda fl-ebda hin ma ressaqhom bhala xhieda sabiex jikkonfermaw u jassoddaw l-addebitu ta' adulterju. Hafna mix-xhieda tieghu jiddependu fuq *detto del detto.*

Il-Perit Legali wasal biex iddecieda li ghalkemm l-attur ibbaza hafna mix-xhieda tieghu fuq l-adulterju u hass li kien vertier fil-verzjoni tieghu, ma ressaqx provi konkreti fuqu, izda kkunsidra ukoll li meta l-ewwel darba li kien sar konxju li l-konvenuta kienet qed tiffrekwenta lil EF kien hafrilha u rrikonciljaw. Gialadarba l-estrem li seta' jwassal ghas-separazzjoni safa' segwit b'rikonciljazzjoni ma tistax issa titqies bhala r-raguni essenzjali li waslet ghall-firda taghhom. Il-Perit Legali jiccita s-sentenza **Ab vs B sive BB** deciza fis-27 ta' Ottubru, 2011[3]

***"Illi rigward l-adulterju kommess, u ammess, mill-konvenut fl-ewwel snin taz-zwieg, ghalkemm dan jimmanifesta nuqqas ta' impenn tieghu fiz-zwieg lejn martu, ma jistax jitqies bhala kawza tas-separazzjoni personali f'dawn il-proceduri, stante li, kif mistqarr mill-istess attrici, din kienet hafritlu, u eventwalment saret rikonciljazzjoni. Izda, din ir-rikonciljazzjoni, ghalkemm hija xhieda tal-impenn tal-attrici biex issalva dan iz-zwieg, ma kellhiex effetti pozittivi fit-tul fuq il-konvenut. »***

Il-Perit Legali wasal biex cahad l-addebitu biss in kwantu kien hemm fjakkanza ta' provi fuq l-allegazzjoni ta' adulterju. Il-konvenuta tirresisti tali

[3] Citaz. Nru. 425/2008NC

akkuzi ta' adulterju, iktar u iktar meta tinnega li kien hemm adulterju da parti taghha. L-attur jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit Legali li l-adulterju li sehh qabel ir-rikonciljazzjoni jista' jerga' jissuxxita problemi fiz-zwieg u jkun il-motiv wara s-separazzjoni. L-attur ukoll ma jaqbilx mal-interpretazzjoni tal-Perit Legali in kwantu li l-adulterju ma kienx il-motiv ghas-separazzjoni.

***« Illi d-decizjoni citata mill-abbli perit legali fil-paragrafu (5) tar-relazzjoni tieghu verament mhijiex kuntrarja ghall-principji fuq esposti. F'dik id-decizjoni gie biss deciz illi, l-fattispecie ta' dak il-kaz, irrizulta li l-adulterju kien gie mahfur u l-partijiet baqghu flimkien ghal zmien konsiderevoli, b'mod li t-tkissir taz-zwieg sehh ghar-ragunijiet differenti li graw in segwitu. Imkien f'dik id-decizjoni ma jinghad li l-effetti tal-adulterju hekk kommess kienu estinti ghal kollox. Gie biss deciz fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet dwar il-htija ghall-firda – illi dak l-adulterju ma kienx il-motiv ghaliex sehhet il-firda***. »[4]

Il-gurisprudenza taghna waslet li biex isib li kien gie kommess adulterju da parti ta' wiehed mill-konjugi, iridu jezistu indizi gravi u prezunzjonijiet cari. Mir-rizultanzi processwali, iktar jirrizulta li l-attur kien beda jiffissa li qed jigi kommess adulterju da parti tal-konvenuta u wasal biex sar paranoiku, izda fl-ebda hin ma ressaq xi wiehed mill-irgiel, li allegatament il-konvenuta kellha relazzjoni maghhom jew addiritura mart EF li kienet konvinta li bejn zewgha u l-konvenuta kien hemm relazzjoni ghaddejja. Din zgur kienet tkun xhud essenzjali ghall-attur u certament kienet ser tixhed favurih.

Iktar minn hekk ma kien hemm ebda indizi jew prezunzjonijiet kif rikjesti mil-ligi sabiex jikkonvincu lil dina l-Qorti li l-konvenuta kienet wettqet infedeltajiet f'diversi okkazzjonjiet.

---

[4] Ara Rapport Peritali.

Dwar l-addebitu tal-konvenuta fil-konfront tal-attur li kkommetta adulterju fil-konfront taghha certament ma jirrizultax mill-atti processwali. Il-konvenuta fl-ebda hin ma ressqet mqar indizji li jippontaw biex tissorregi din l-allegazzjoni taghha.

**<u>SEVIZZI/MOHQRIJA/ ECCESSI/THEDDID/VJOLENZA/OFFIZI GRAVI</u>**

Il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa r-rapport peritali ta' Dr.Keith Borg, taqbel perfettament li mill-assjem tal-provi ma jirrizultawx xi estremi ta' eccessi, theddid jew vjolenza li jistghu jigu attribwiti lill-parti jew lill-ohra.

Il-Perit Legali jikkontendi ukoll li l-fatt li l-konvenuta kienet akkuzat lill-attur b'infedelta' u naqset li tissostanzja dan fil-gabra ta' provi fil-mori tal-kawza iwassal ghall-offizi gravi fil-konfront tal-attur. Dina l-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi, ghaliex hafna drabi dawn l-estremi li jikkontempla l-Artikolu 40 tal-Kap.16 bhala prassi, dawn jigu ccitati kollha *ad verbatim,* minghajr ma jiddentifikaw taht liema estremi qed jinbena l-kaz taghhom biex forsi jekk ma jolqtux wahda jolqtu l-ohra, iktar u iktar meta l-gurisprudenza nbniet fuq l-ideja li m'hemmx ghalfejn jigu ppruvati kollha.

Ghalhekk ghal dina r-raguni, dina l-Qorti mhux se ssegwi dak irrakkomandat mill-Perit Legali.

Dwar is-sevizzi li l-kontendenti jattribwixxu lil xulxin, ghandu jigi rilevat li taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr.Keith Borg. Premess li huwa ormai stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li b'sevizzi jew mohqrija kif ukoll huwa maghruf, il-ligi ma tirrikjedix atti ta' crudelta', izda vessazzjoni kontinwa, vendikazzjonijiet u dispetti kontinwi lejn xulxin.

Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-attur kien kontinwament bniedem insigur, jemmen lil ta' madwaru u bena sens ta' paranoia fuq martu l-konvenuta billi ma jafdahix u ma jemminix fih innifsu iktar u iktar minhabba certi debilitajiet li soffra relatati mad-dijabete tieghu. Din l-insikurezza waslet ghal hafna battibekki bejniethom u kienet shaba sewda fuq iz-zwieg taghhom mill-bidunett. L-attur jammetti huwa stess li kien ibati minn *depression* u ma setax jikkonvinci ruhu li martu kienet dejjem fidila lejh. Kif diga' nqal iktar 'l fuq minn dina l-Qorti, l-attur ma pproduca l-ebda prova dwar l-adulterju *in flagrante* u kemm ikkonferma l-verzjoni tieghu biss u dan iwassal biex forsi jekk kien hemm okkazzjoni ta' darba, l-attur kien iktar beda jibni fissazzjonijiet ghal kull impjegat li kien jahdem mieghu. Zgur li dawn l-atteggjament waslu ghall-vessazjoni fil-konfront tal-konvenuta.

Jirrizulta mbaghad li iktar mas-sitwazzjoni kkumplikat ruhha, l-partijiet bdew iwettqu vendikazzjonijiet finanzjarji fil-konfront ta' xulxin, tant li spiccaw biex irrovinaw negozju li kien miexi sew. Dawn il-piki li kienu saru xi haga regolari, iwasslu ghall-konvinciment li hemm ragunijiet biex is-sevizzi jigu attribwiti liz-zewg partijiet rispettivament.

**DEKADENZA**

Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr.Keith Borg li osserva hekk :-

***« In linea mal-konkluzzjonijiet milhuqa mill-esponenti u b'zieda mal-istess qieghed jigi rakkomandat illi : id-dispost tal-Art.48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni tad-dispost tal-Artiklu 51 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi applikat fl-intier tieghu fil-konfront taz-zewg kontendenti. »***

**MANTENIMENT**

Huwa evidenti mir-rizultanzi processwali li l-konvenuta dejjem hadmet u addirritura dejjem kienet tiggestixxi wiehed mill-hwienet tal-partijiet wahedha. Ifisser li dejjem ghandha l-kapacita' lavorattiva taghha u ghalhekk ma tistax tippretendi li tircievi manteniment minghand l-attur.

Dina l-Qorti ukoll se ticcita s-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Cassazione Taljana, li ghamel referenza ghaliha l-Perit Legali Dr.Keith Borg sabiex isahhah l-argument tieghu li l-manteniment m'ghadux dovut lil min huwa jew jista' jkun indipendenti ekonomikament.

***« il rapporto matrimoniale si estingue non solo sul piano personale ma anche economico-partimoniale, sicche' ogni riferimento a tale rapporto finisce illegittamente con il ripristinario, sia pure limitatamente alla dimensione economica del tenore di vita matrimoniale, in una indebita prospettiva di ultrattivita' del vincolo matrimoniale**. »*

Dina l-Qorti marret oltre u spjegat li l-indizji principali ghall-indipendenza ekonomika, qalet il-Cassazione huma r-reditti li jigu « ***mill-capacita' e possibilita' effettive*** » li konjugu jahdem u « ***la stabile disponibilita'*** » ta' abitazzjoni.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

**DAR MATRIMONJALI**

Fil-mori tal-kawza, il-partijiet bieghu d-dar matrimonjali u mill-istess rikavat gew saldati d-djun ezistenti mal-Bank of Valletta plc.

**DEJN FISKALI**

Il-Perit Legali Dr.Keith Borg ghamel referenza ghas-seduta tas-16 ta' April, 2015, fejn il-partijiet ghamlu verbal fejn ftiehmu li l-obbligi fiskali dovuti lil Inland Revenue u l-Vat Department naxxenti minn negozju f'Rahal Gdid ghandhom jigu assunti mill-konvenuta, filwaqt li dawk naxxenti mill-hanut fil-Marsa ghandhom jigu assunti mill-attur.

L-attur irrileva pero' li dan huwa kompitu difficli peress li skond l-awditur tal-partijiet, iz-zewgt ihwienet kienu jitmexxew taht l-istess numru ta' VAT taht l-isem tad-ditta KYS u huwa ghalhekk difficli mmens li jigi ddeterminat liema taxxa hija dovuta b'rabta ma' liema hanut. Ghalhekk jipproponi li d-dejn fiskali jinqasam bejn il-partijiet.

Gialadarba kien hemm ftehim bejn il-partijiet, izda l-istess awditur qajjem u gharef id-diffikoltajiet li jirrizultaw biex isir dan l-ezercizzju minhabba li kien jigi utilizzat VAT numru wiehed, ikun opportun li dan id-dejn jinqasam bejn il-partijiet. L-istess awditur jikkonferma li generalment dina kienet il-prassi li kienet tintuza mill-partjiet – « ***Meta nlesti l-ezercizzju tieghi l-hlas tal-VAT kien jinqasam skond kif kienu jiftiehmu l-partijiet. Sa fejn niftakar jien, il-ftehim tacitu bejniethom kien ta' hlas nofs bin-nofs. Jidhirli li l-ammont ta' VAT pagabbli kont naqsmu according to l-hanut li kull parti kienet tiggestixxi."*** [5]

**DEJN IEHOR**

Dan hu dejn li jissemma' mill-attur u l-konvenuta qed tikkontestahom peress li kien l-attur li ghamel l-arrangjamenti mal-kredituri u ghamel is-segwenti hlasijiet:-

[5] Ara pg. 32 tar-Rapport Peritali.

i) Arretrati tad-dawl u ilma fl-ammont ta’ €10,025 ;

ii) Permessi lura b’ammont ta’ €842 ;

iii) VAT fl-ammont ta’ €1,360.

Rigward dan id-dejn, l-attur ma semma xejn fl-affidavit tieghu u lanqas ma jirrizulta minn fejn originaw dawn id-djun. Ghaldaqstant, kien jispetta lill-attur sabiex jipprova li jezisti dan id-dejn, haga li m’ghamilx. Ghalhekk dina l-Qorti thoss li l-attur ghandu jibqa’ responsabbli ghall-hlas ta’ dan id-dejn.

Jirrizulta ukoll dejn minn zewg kawzi li huma s-segwenti:-

1. Maltacom plc. vs AB [6] fejn l-attur kien gie kkundannat ihallas is-somma ta’ Lm547.76 ossia €1, 276.28, oltre l-ispejjes u l-imghaxijiet.
2. C& H Bartoli vs AB [7] fejn id-dejn gie kkanonizzat b’sentenza favur is-socjeta’ C & H Bartoli. L-attur qed jikkontendi li l-konvenuta ghandha thallas nofs l-ammont ta’ dan id-dejn, minhabba li l-kawza nfethet kontrih biss u l-konvenuta tidhol responsabbli *in subsidium* ghall-attur. L-attur jiccita diversi parti mis-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell sabiex li jindikaw li l-attur kien responsabbli ghall-hlas tad-dejn, bla ebda pregudizzju ghad-drittijiet li l-partijiet setghu kellhom fil-konfront ta’ xulxin. Il-Qorti taqbel mal-verzjoni tal-attur li gialadarba l-kreditrici setghet iddur kontra l-konvenuta biss sussidjarjament jikkonferma li l-konvenuta ghadha responsabbli ghal sehemha mid-dejn, mhux b’mod solidali. Laurent fuq dan kellu xi jghid hekk “***Se uno dei debitori e’ sciolto dalla solidarieta’, diviene debitore semplice, non solidale***. »

   Ghaldaqstant, in kwantu jirrigwarda d-dejn pendenti fuq is-sentenzi fuq iccitati dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

---

[6] TTZ Talba Nru. 233/07 deciza fid-29 ta’ Mejju, 2007
[7] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deciza fil-11 ta’ Marzu, 2020

**MOBBLI FID-DAR MATRIMONJALI U L-HWIENET**

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa dak li kkonkluda l-Perit Legali Dr.Keith Borg u cioe' li l-partijiet ma ressqux provi dwar il-konsistenza tal-mobbli gewwa d-dar matrimonjali u fil-hwienet tal-Marsa, kif ukoll ta' Rahal Gdid. Jekk verament jezistu jkun ghalqi li l-partijiet jaqblu kif ser jinqassmu jew altrimenti l-mobbli kollha jigu rkantati u r-rikavat jinqasam bejniethom.

**VETTURI**

Mix-xhieda jirrizulta li kien hemm originarjament tlett vetturi. Toyota Celica bin-numru ta' registrazzjoni KER 020 li ttiehed lura mill-venditur. Kien hemm ukoll zewg vetturi ohra, wahda Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni DBD 597 li qiedgha f'idejn l-attur u Smart bin-numru ta' registrazzjoni KER 010 li qiedgha f'idejn il-konvenuta.

Ukoll kien jispetta lill-partijiet biex jindikaw il- valur tal-istess vetturi, izda dan ma sarx u ghalhekk ikun opportun li kulhadd izomm il-vettura tieghu.

**KONTIJIET BANKARJI**

Skond il-Perit Legali Dr.Keith Borg jirrizulta li jezistu biss tlett kontijiet attivi, zewg kontijiet f'isem l-konvenuta, kont wiehed li jgib in-numru 400188435229 fejn hemm bilanc ta' €3.74 u kont iehor fejn hemm bilanc ta' €6.80. F'isem l-attur jirrizulta li kien hemm kont iehor fejn hemm bilanc ta' €2,618.87.

Dawn il-kontijiet, skond dak irrelatat mill-Perit Legali dawn ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet u dina l-Qorti hija tal-istess fehemha.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u dan minhabba sevizzi rezi mill-konvenuta fil-konfront tal-attur.

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba kif deciz iktar 'l fuq ;

3. Tichad ir-raba' talba u l-hames talba tal-attur stante li ma ngabux provi li kien hemm proprieta' parafernali;

4. Tichad is-sitt talba tal-attur;

5. Tilqa' s-seba' u t-tmien talba tal-attur;

L-ispejjez ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**